**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 144/17 CZ**

**GO plc**

**vs.**

**Raymond Grech Marguerat**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-22 ta' Marzu 2017 li biha premettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u sitta w hamsin Euro u hamsin centezmu (€856.50) in kwantu ghal mija u erbgha u tmein euro u sitta u tmenin centezmu (€184.86) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40177860; mitejn u wiehed u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€261.75) in konnessjoni ma'

servizzi migbura fil-kont bin-numru 40187280; u erba' mija u disa' Euro u disgha u tmenin centezmu (€409.89) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40484713.

Illi s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 40187280 gew kuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicembmru 2015, amalgamata fis-socjeta GO p.l.c.

Illi interpellat sabeix jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u sitta w hamsin Euro u hamsin centezmu (€856.50) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba, u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur